# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

KAZ NRU 538

Fil-Kwisjtoni tax-Xoghol

bejn

Maurice Galea

u

David Agius

dwar t-tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

It-Tribunal.

Ra r-rikors ta' David Agius;

ra d-digriet precedenti;

ra r-risposta ta' Maurice Galea;

sema' l-partijiet;

ir-rikorrent qieghed jikkontendi li l-mandat ta' qbid huwa null fuq tlett punti u cioe':-

(1) li l-oggett elevat (il-vettura D 4400) mhix tad-debitur;

(2) li ghaddew aktar minn tlett snin mid-data tad-decizjoni tat-Tribunal u

(3) li l-mandat hareg fuq titolu esekuttiv ta' Tribunal li ma jezistix.

Dwar l-ewwel punt jinghad li r-rikorrent qieghed jiddistingwi bejn ir-rikorrent "proprio" u r-rikorrent "nomine" cioe' bejnu personalment u l-Hotel Regent. Minn imkien mill-atti tal-Kwistjoni ma jirrizulta u lanqas ma huwa allegat mir-rikorrent li l-Hotel Regent hija xi Kumpanija jew socjeta' u li ghalhekk ghandha personalita' guridika distinta u ndipendenti mir-rikorrent. Biex wiehed jidher fi proceduri "nomine" irid ikun hemm xi hadd iehor li ghandu personalita' guridika tieghu, ghaliex altrimenti kull kwalifika li huwa jaghmel tkun biss ghall-fini ta' l-identifikazzjoni u konvenjenza dwar l-oggett u l-vertenza li tkun in kontestazzjoni. Ghalhekk il-fatt li r-rikorrent kien qed jikkwalifika ruhu bhala li qed jidher ghall-Hotel Regent bl-ebda mod ma biddlet il-fatt li huwa kien qieghed jidher f'ismu propju.

TRIBUNAL INDUSTRIJALI MALTA

Dwar it-tieni punt jinghad li r-rikorrent qieghed jibbaza l-argument tieghu fuq l-artkolu 258 tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili u ghalhekk wiehed irid jara jekk dan l-artikolu japplikax ghall dan it-Tribunal. Huwa veru li l-artikolu 34 (3) tal-Kapitolu 266 jghid li l-ezekuzzjoni tad-decizjonijiet ta' dan it-Tribunal "issir bil-mod preskritt b'dana l-Att u bil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili", izda dan ifisser biss li l-mezzi effettivi ta' l-ezekuzzjoni jkunu dawk kontemplati fl-imsemmi Kodici u jigu attwati kif preskritt fl-istess Kodici, izda ma jfissirx li japplikaw ukoll ghat-termini biex ikunu jistghu jigu esegwiti l-istess decizjonijiet. Wara kollox quddiem dan it-Tribunal ma hiex ammessa l-procedura b'citazzjoni msemmija fl-artikolu 258 ta' l-istess Kodici. Ta' min isemmi li bl-emendi ntrodotti bl-Att XXIV ta' l-1995 it-terminu ta' l-artikolu 258 gie estiz minn tlett snin ghall-hames snin.

Dwar it-tielet punt ir-rikorrent qed jibbaza l-argumenti tieghu ghaliex, fil-formola tal-mandat, fil-parti "Titolu ezekuttiv" gie ndikat "Award ta' dan it-Tribunal fl-appell fl-ismijiet premessi fit-12 ta' Dicembru 1990"; minn dawn il-kliem ir-rikorrent qed jargumenta li ssemma' Tribunal ta' Appell li ma jezistix. Il-formola hija korrettament intestata "Fit-Tribunal Industrijali" u l-kliem "dan it-Tribunal" jirriferixxu biss ghat-Tribunal imsemmi fl-intestatura tal-formola. Il-kliem "fl-appell" ma humiex kwalifika tat-Tribunal (ghaliex, apparti l-aggettiv "dan", il-kelma "appell" hija miktuba bl-ewwel ittra minuskola u mhux majjuskola) imma (jekk mhux minhabba semplici zvista) bhala kwalifika tal-procedura li, fi kliem komuni u mhux ta' teknici, hija kkunsidrata bhala "appell" kull talba quddiem Tribunal kontra kull decizjoni minn xi hadd, inkluz l-"employer".

Billi l-bazi tat-talba tar-rikorrent ma hiex valida, fuq l-ebda wiehed mit-tlett punti, dan it-Tribunal jichad l-istess talba.

(ifft) Anthony Farrugia
CHAIRMAN

Illum sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju 1996

TRIBUNAL INDUSTRIJALI
MALTA